MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-19 ta' Dicembru, 2007

Numru. 388/2002

Il-Pulizija
(Spettur Alfred Mallia)

vs

John Paul Cesare

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' l-imputat, John Paul Cesare, imwieled 29 ta' Dicembru 1978, iben Joseph u Mary nee' Fenech, imwieled Zejtun u residenti 37, Sqaq Bormla, Bormla u detentur tal-karta tal-identita 196379M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli nhar il-31 ta' Marzu, 2001 gewwa Xatt ir-Risq, Bormla ghall-habta

tat-3.30p.m. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna l-mewt ta' martu Josianne Cesare imwielda fl-1 ta' Marzu, 1981 u ta' ibnu Jean Luca Cesare imwieled fis-6 ta' Lulju, 1999.

Rat in-nota tal-Avukat Generali tat-2 ta' Awissu, 2002 li permezz taghha deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fl-Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghat lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb illi ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti.

Rat l-atti ta' din il-kawza, d-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta' dan il-procediment.

Semghat it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-kaz jirrigwarda incident li sehh fil-31 ta' Marzu, 2001 gewwa Xatt ir-Risq, Bormla f'liema ncident vettura tal-ghamla Ford Anglia bin-numru tar-registrazzjoni KAJ 551 proprjeta' tal-imputat John Paul Cesare waqghet il-bahar. F'dan l-incident tilfu hajjithom tragikament Josianne Cesare, mart l-imputat u Jeanluca Cesare, iben l-imputat, liema zewg persuni kienu fil-vettura meta din waqghet il-bahar.

Mill-provi rrizulta li l-imputat kien mar ix-xatt ta' Bormla bil-vettura tal-marka Anglia u bin-numru tar-registrazzjoni KAJ 551 flimkien ma' martu u ibnu minuri. Kien ghal habta tas-2.30p.m. u l-imputat pparkeggja l-vettura tieghu magenb vettura ohra f'post vojt li sab madwar tlett metri l' boghod mit-tarf tal-bahar u bil-vettura bil-parti ta' quddiem taghha thares lejn il-bahar. Mill-provi rrizulta wkoll li ma kienx hemm barriers jew ilqugh fit-tarf mal-bahar. L-imputat meta xehed quddiem il-Magistrat inkwirenti (a *folio* 37 tal-process) qal li qabel ma huwa nizel mill-vettura tieghu halla l-*handbrake* imtella' u l-vettura ngranata fuq

ir-*reverse* u huwa halla c-cavetta tal-magna fl-*ignition*. Josianne Cesare, mart l-imputat, baqghet fil-karozza, fis-seat ta' quddiem bit-tifel Jeanluca Cesare bil-qeghda f'hogorha. *A tempo vergine*, dejjem quddiem il-Magistrat Inkwirenti, l-imputat xehed wkoll li l-*handbrake* tal-vettura tieghu kien jahdem fis-sens li kien jitla', izda ma kienx jorbot u ghalhekk jekk wiehed jimbotta l-karozza din kienet timxi. L-imputat spjega li kien ghal din ir-raguni li huwa dejjem kien ihalli l-vettura ingranata fuq ir-*reverse*. Huwa qal ukoll li ma kienx f'pozizzjoni jispjega kif il-vettura meta ttellghet mill-bahar instabet li kienet ingranata fuq it-*third gear*. Huwa qal ukoll li martu ma kienitx taf issuq u lanqas tghum u qal li sa fejn jef hu ibnu ma kienx ihobb jilghab bl-*ignition* izda kien ihobb jilghab bl-*isteering wheel*. L-imputat xehed ukoll li l-ahhar li ha l-vettura tieghu ghal *VRT test* kien f'Novembru, 2000 u minn dan it-test irrizulta li l-vettura kellha kollox tajjeb salv li kellha tinbidel bozza tal-lemin ta' wara. Huwa spjega wkoll li l-problema fil-*handbrake* sar jaf biha fi Frar, 2001. Meta xehed quddiem din il-Qorti fis-seduta tat-2 ta' Novembru, 2006, l-imputat ikkonferma dak kollu li kien qal meta xehed quddiem il-Magistrat Inkwirenti.

Minn ezami tar-rapport tal-espert tekniku, Joseph Zammit (rapport esebit *a folios* 40 sa 62 tal-process) li gie nominat mill-Magistrat Inkwirenti fl-atti tal-inkjesta li saret dwar dan l-incident (process verbal relattiv esebit *a folio* 14 *et seq*) u li n-nomina tieghu giet debitament konfermata minn din il-Qorti fil-proceduri odjerni fis-seduta tas-27 ta' Gunju, 2002, irrizulta s-segwenti:-

a. li l-vettura tal-ghamla Ford Anglia 105E bin-numru ta' registrazzjoni KAJ 551 proprjeta' ta' John Paul Cesare thalliet minnu pparkjata fit-triq ta' fuq l-istess moll ta' Xatt r-Risq, imzersqa u li tasal sa tarf il-moll, liema moll ma ghandu ebda ilqugh. F'din il-vettura kien hemm tifel ta' sentejn, Jean Luca, u ommu Josianne Cesare.

b. Li din il-vettura thalliet ingranata biss fuq t-*third gear*, minghajr ebda irbit ta' *handbrake*, peress li dan instab difettuz.

c. Din il-vettura thalliet pparkjata bic-cwievet taghha gol-*ignition switch*. Liema *switch* instab bic-cwievet go fih fil-pozizzjoni *"on".*
d. F'din il-vettura kien hemm *main switch* kkomunikat mal-batterija li wkoll instab fil-pozizzjoni mixghul *"on".*

L-imsemmi eeprt kien tal-fehma li l-incident de quo x'aktarx sehh peress li l-vettura thalliet minghajr *handbrake* peress li dan ma kienx jorbot, fi triq imzerzqa fid-direzzjoni tal-bahar u jispjega li l-vettura x'aktarx iccaqilqet billi daru r-roti ghal distanza qasira sakemm il-vettura waslet fuq il-moll u waqghet il-bahar. L-espert tekniku Joseph Zammit ma jeskludix li seta' gara li min kien fil-vettura in kwistjoni baghbas mac-cavetta fl-*ignition switch*, dawwarha fil-pozizzjoni li jdur l-istarter, u peress li l-vettura kienet ingranata u mzerzqa fid-direzzjoni tal-bahar, bdiet miexja bis-sahha tal-*istarter motor* u spiccat il-bahar.

Ikkunsidrat:

Illi f'dan il-kaz l-imputat John Paul Cesare qed jigi akkuzat bl-omicidju involontarju ta' Josianne Cesare u Jean Luca *ai termini* tal-Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. In-natura u l-elementi tar-reat ta' omicidju volontarju gew spjegati bir-reqqa f'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) tal-21 ta' Marzu, 1996 fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Richard Grech" fejn dik il-Qorti osservat is-segwenti:

*" 'L-omicidju kolpuz hu ttrattat fil-ligi taghna fl-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali, ga' l-artikolu 239 fl-Edizzjoni ta' l-1942 ta' dak il-Kodici. Fis-sentenza taghha ta' l-4 ta' Frar, 1961, fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Perit Louis Portelli, il-Qorti Kriminali sedenti l-kompjant Imhallef Joseph Flores, kienet esprimiet ruhha b'dan il-mod a rigward ta' dan ir-reat:*

*"Hu mehtieg ghall-kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-artikolu 239 tal-Kodici Penali, illi tirrikorri kondotta volontarja negligenti – konsistenti <u>generikament</u> f'nuqqas ta' hsieb ("imprudenza"), traskuragni ("negligenza"), jew ta' hila ("imperizja") fl-arti jew professjoni jew konsistenti*

*<u>specifikatament</u> f'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti – li tkun segwita, b'ness ta' kawzalita' minn event dannuz involontarju. Ghandu jigi premess illi, ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta negligenti, ghandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-bonus pater familias, dik il-kondotta, cjoe' illi fil-kaz konkret kienet tigi uzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita' normali, kriterju dan li filwaqt li jservi ta' gwida oggettiva ghall-gudikant, ihallih fl-istess hin liberu li jivvaluta d-difligenza tal-kaz konkret" (Kollez. Deciz. Vol. XLV.IV.870,903 enfasi ta' din il-Qorti);'*

*Kif jispjega l-gurista Taljan Francesco Antolisei, biex wiehed jifhem l-essenza vera tal-kolpa wiehed irid izomm f'mohhu li fil-hajja socjali spiss jinholqu sitwazzjonijiet li fihom attivita' diretta ghal xi fini partikolari tista' taghti lok ghal konsegwenzi dannuzi lil terzi. L-esperjenza komuni jew l-eseprjenza teknika – cjoe' l-esperjenza komuni ghall-bnedmin kollha jew dik l-esperjenza ta' kategorija ta' nies li jesplikaw attivita' partikolari – tghallem li f'dawn il-kazijiet wiehed ghandu juza certi prekawzjonijiet bil-ghan li jevita li l-interessi ta' l-ohrajn jigu ppregudikati."*

Fl-imsemmija sentenza, l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali qalet ukoll is-segwenti:-

*"Kif jispjega l-gurista Francesco Carfora (Digesto Italiano, Vol. 7, Parte 2, V. Colpa (materia penale), Diretto Vigente, p. 775), jekk il-prudenza tikkonsisti filli persuna taghmel dak li hu ragonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannuzi ta' ghemilha, l-imprudenza, li hi n-negazzjoni ta' din il-virtu', tikkonsisti filli wiehed jaghmel avventatament dawk l-affarijiet li hu messu ppreveda li setghu jikkagunaw hsara. It-traskuragni, mill-banda l-ohra, timplika certa non-kuranza, certu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali. Fiz-zewg kazijiet, pero', il-hsara tkun prevedibbli ghalkemm mhux prevista; kieku kienet ukoll prevista, wiehed ikun qighed fil-kamp doluz b'applikazzjoni tad-dottrina ta' l-intenzjoni posittiva indiretta."*

Fil-kaz odjern din il-Qorti ghalhekk trid tara jekk l-imputat agixxiex ta’ *bonus paterfamilias* meta huwa ghazel li jhalli l-vettura tieghu li kien jaf li kellha *handbrake* difettuz kwazi fit-tarf tal-moll u mal-bahar, ghalkemm ingranata fuq ir-*reverse*, bic-cwievet fl-*ignition* u b’mara li ma tafx issuq u b’tarbija ta’ sena u tmien xhur f’hogorha. Persuna ta’ diligenza u ntelligenza normali kienet tagixxi b’dan il-mod? Kien prevedibbli li jigri dak li effettivament gara? Kien hemm *non kuranza* u abbadun kemm intellettiv kif ukoll materjali fl-agir tal-imputat sabiex l-istess agir jista’ jitqies bhala traskurat.

Il-Qorti hija tal-fehma li l-imputat kien traskurat u negligenti f’ghemilu ghal zewg ragunijiet. L-ewwel nett huwa kien jaf ben tajjeb li l-vettura kellha l-handbrake difettuz izda xorta wahda ghazel li jhalli l-istess vettura parkeggjata biss tlett metri l’boghod minn tarf il-bahar u f’post fejn ma kienx hemm *barriers* jew *bollards*. Inoltre huwa halla vettura bil-*handbrake* difettuz, fil-post imsemmi u bic-cavetta tal-magna fl-*ignition* meta fil-vettura kien hemm tarbija ta’ tmintax-il xahar bil-qeghda f’hogor ommha fil-*front passenger seat* u ghalhekk kien hemm il-possibilita’ li t-tarbija tipprova tilghab bic-cavetta fl-*ignition*. Mill-provi fil-fatt irrizulta li s-*switch* in kwistjoni instab *‘on’* meta l-vettura ttellghat mill-bahar. Inoltre l-imputat kien a konoxxenza tal-fatt li martu ma kienitx taf issuq u li ghalhekk hija ma kienitx f’pozizzjoni li tagixxi tempestivament u kuratament fl-eventwalita’ li t-tarbija tmiss jew tilghab bl-*ignition*.

Il-Qorti jidrilha li kieku l-imputat ezercita ftit aktar ghaqal u hsieb it-tragedja setghat tigi evitata ghaliex kienet prevedibbli. Il-Qorti hija tal-fehma li l-imputat odjern kien negligenti f’ghemilu u li din in-negligenza kkawzat il-mewt ta’ Josianne Cesare u ta’ Jean Luca Cesare.

Din il-Qorti hasbet fit-tul dwar il-piena li ghandha tigi inflitta fuq l-imputat odjern u jidrilha li t-tragedja li sehhet bhala konsegwenza tan-negligenza tieghu hija l-akbar piena li seta’ jsofri l-imputat u ghalhekk jidrilha li ma jkunx opportun li tigi mposta piena karcerarja effettiva jew multa.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti qieset ukoll il-fedina penali netta tal-imputat (esebita *a folio* 5 tal-process).

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tiddikajra li ssib lill-imputat John Paul Cesare hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu izda b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor sa zmien sentejn (2) millum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull bon fini illi hija spjegat lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta’ liberazzjoni taht kundizzjoni.

Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9, il-Qorti tordna lill-hati sabiex sa zmien xahrejn millum ihallas is-somma ta’ erba’ mija, tlieta u sittin lira Maltin u tmienja u tletin centezmi Maltin (LM 463.38), liema ammont jirraprezenta l-ispejjes kollha li kellhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti f’dawn il-proceduri u jekk huwa jonqos li jhallas dan l-ammont *entro* t-terminu stabbilit din l-ammont tigi konvertita fi prigunerija skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------